KLR 13/VIII/2020

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Lulju, 2020 fil-17.00.

PREŻENTI: Is-Sindku Josef Schembri, il-Viċi Sindku Brian Azzopardi, il-membri Michel Buttigieg, Joseph Debrincat, Marcell Tabone, Charlie Hili u Maria Portelli u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

13.1 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**13.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

13.2.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li attenda għall-laqgħa organiżżata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-proġett 'Slow Streets'. Dan il-proġett hu bbażat fuq miżuri temporanji u l-istudji li ħa jsiru ser iwasslu għat-tieni fażi fejn jiġu esplorati spazji miftuħa. Il-membri qablu dment li wieħed jikkunsidra li l-għeluq ta' ċertu toroq fi-Rabat jistgħu jaffetwaw negattivament lill-ħafna lokalitajiet madwar Għawdex.

13.2.2 Rigward il-kawża li l-Kunsill għandu ma Gatt Asphalting Ltd. fuq inċident li sar meta t-II Kunsill kien qed jagħti t-tarmac fi Triq it-8 ta' Diċembru. L-Avukat tal-Kunsill Dr Georgine Schembri għarfet lill-Kunsill li ngħatat id-deċiżjoni. Il-Qorti ma tatx l-ammont kollu lill-Kunsill iżda dak li kienu qed joffru Gatt. Il-Qorti m'applikatx l-*imdemnity clause*. L-Avukat tara li hemm lok ta' appell. Il-membri qablu li l-Kunisll joqgħod fuq il-parir tal-Avukat u jsir l-appell. Il-Kunsill għandu wkoll jara s'issa kemm ġiet tiswa din il-kawża fi spejjes tal-Avukat.

**13.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsillieri**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

13.3.1 l-Avukat tal-Kunsill, Dr Georgine Schembri rigward Appell numru 305/19 fuq PA/01423/19. L-Avukat segwiet l-appell *online* u l-każ mar għad-deċiżjoni. Id-data ta' meta ser tingħata d-deċiżjoni għadha ma ħarġitx;

13.3.2 Dr Joshua Grech fejn kiteb rigward skular ta' ilma ġieri maġenb 'Calleja Crt', fi Triq is-Saghtar. Issuġġerixxa li l-ilma jiġi dirett għan-naħħa l-oħra tat-triq ġo l-egħlieqi li s-sid tagħhom hu sid ta' l-istess 'Calleja Court'. Il-membri ma sabux oġġezzjoni;

13.3.3 is-Segretarju tas-Soċjeta' Filarmonika La Stella, Matthew Zammit fejn aġġorna lill-Kunsill li fir-rigward tan-*no objection* li l-Kunsill ta għall-Festa ta' barra ta' San Ġorġ u li hi suġġett għal awtorizżazzjoni tal-Pulizija. Il-Pulizija għadhom ma taw ebda approvazzjoni u s-Soċjeta' tistenna li l-Kunsill ikompli jitratta lil kull entita' li tapplika miegħu għall-permessi bl-istess mod u f'dan id-dawl il-Kunsill m'għandux joħroġ permessi li ma jkunux suġġett għal awtorizżazzjoni tal-Pulizija.

**13.4 Immaniġjar tat-traffiku**

13.4.1 Is-Sindku qal li fis-6 ta' Lulju 2020, hu u s-segretarju Eżekuttiv attendew laqgħa fl-uffiċċju ta' *Transport Malta* (TM) rigward r-*road markings* li hemm fil-*junction* ta' Qasam San Ġorġ ma Triq Kerċem. Barra r-rappreżentanti u l-Perit ta' TM kien hemm ukoll is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill ta' Kerċem.

Waqt il-laqgħa ġie propost li minn naħa tagħna:-

- nitolbu lil TM li jinżebgħu l-*edge lines* fi Triq Kerċem;
- nesploraw il-posibita' li iq Antonio Mallia u Triq Borġ Geritu jiġu *one way*. Il-membri ma qablux ma din il-proposta minħabba l-fatt li dawn it-toroq huma sekondarji u l-maġġroanza ta' vetturi li jidħlu fihom ikunu tar-residenti ta'dawn it-toroq stess.

Minn naħa ta' TM:-

- ser jittieħdu l-*counts* tal-vetturi li jużaw din il-*junction*;
- janalizżaw il-*flow* tat-trakkijiet li jagħddu;
- jaraw x'jista' jinbena b'mod prattiku mir-*roundabout* li hi miżbugħa u
- jaraw jistgħux isiru *rumble strips*.

13.4.2 TM ħarġet permess għall-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' permanenti ta' Martin Vella, Blk D, Flat 2, taċ-Ċawla H.E.;

13.4.3 TM ħarġet permess għal *traffic mirror* faċċata ta' 'Tal-Grazzja *Court', Block A,* Triq il-Kapuċċini;

13.4.4 TM infuramt lill-Kunsill li fuq it-talba sabiex toroq fl-*area* tal-Far jiġu nklużi fl-iskema tal-parkeġġ ikkontrollat ma jistgħux jiżdiedu aktar toroq peress li dan hu regolat b'avviż legali u għaldaqstant ma jistgħux jiġu approvati tibdil jekk mhux permezz t'avviż legali.

13.4.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand George Mercieca rigward s-senjaletika u l-parkeġġ li jsir mhux kif suppost fi Triq San Ġorġ u fl-akwati ta' San Ġorġ tal-Ħaġar. TM ġiet infurmata b'din il-korrispondenza u ser tagħmel *site inspection*.

**13.5 Xogħlijiet tal-Kunsill**

Is-Sindku għarraf lil membri li l-kisi bil-granit ta' l-isqaq numru 1 fi Triq Ġ.P. Agius de Soldanis tlesta. Il-membri qablu li jitpoġġew sitt qsari bi pjanti ornamentali f'dan l-isqaq.

**13.6 Proġett tal-bdil tad-dawl fiċ-ċentru tar-Rabat**

Il-membri ġew mgħarrfa li ġiet sottomessa l-aplikazzjoni sabiex ikun jista' jinbidel id-dawl kollu taċ-Ċentru tar-Rabat inkluż Pjazza San Ġorġ, mad-*Development Planning Fund* fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar.

Is-Sindku għarraf lill membri li attenda għall-laqgħa fejn fiha ġie spjegat li minn dan il-fond, fuq dawl, jistgħu jinħarġu sa massimu ta' 70%. Żied jgħid li l-President tar-Reġjun Għawdex, Dr Samuel Azzopardi qal li jekk il-Kunsill japplika konġuntament mar-Reġjun, jistgħu jinġabu sa mija fil-mija tal-fondi.

**13.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

13.7.1 Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Lulju 2020 skont dokumenti A anness.

13.7.2 Tressqet iċ-ċertifikazzjoni (skont il-*BOQ* tal-offerta) tal-Perit Edward Scerri tax-xogħol ta' pavimentar ta' Triq San Ġorġ u l-isqaqien li kien sar fl-2013. Il-kont ġie approvat li jitħallas.

**13.8 Kontijiet - *Gatt Group of Companies***

Kif ġie deċiż fl-aħħar laqgħa ġie msejjaħ William Sultana li kien il-*Contracts Manager* tal-proġett tal-ERDF. Il-laqħga ġiet sospiża. Sultana beda l-ispjega tiegħu.

Il-proġett li sar mis-VII Kunsill kien ffinanzjat minn fondi Ewropej taħt l-*European Regional Develeopment Fund* (ERDF). *Third party services* ma kienux ffinanzjati minn dan il-fond. Li kellu jitħallas mill-ERDF tħallas kollu fiż-żmien stipulat u dak li l-*Contacts Manager* kellu f'idjeh sal-2015, ġie ċċertifikat, tħallas kollu u magħluq. Il-proġett hu magħluq. Fir-rigward ta' servizzi tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma saru diversi laqgħat bejn il-Kunsill u l-Korporazzjoni. Dan sabiex jiġi stabilit kif għandhom isiru l-*culverts* waqt it-tħaffir tat-toroq. Il-Kunsill kien infurmhom qabel sabiex dawn jilħqu jkollhom il-finanzi għal dan ix-xogħol. Il-Kunsill kellu jħallas is-servizzi diretti għal ġod-djar.

Il-Viċi Sindku staqsa x'inhi l-proċedura sabiex jitħallas kont minn dawn li Gatt qed jgħid li għandhom pendenti. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li dan il-kas qam minn meta f'Marzu 2020 Gatt bagħat *statement* li fih kien qed juri xogħlijiet *extra* fejn sar il-proġett ERDF. Fl-i*statments* li kien jibagħat kull xahar, sa l-aħħar wieħed mibgħut fi Frar 2020, dawn ix-xogħlijiet kienu għadhom ma tniżżlux. Il-proġett ERDF ingħalaq fl-2015. Il-proċedura hi li fi żmien sentejn il-kuntrattur jibagħat l-*invoice* lill-Kunsill, din tiġi ċertifikata mill-Perit u l-Kunsill iħallas skont iċ-ċertifikazzjoni. Li ġara f'dan il-kas hu li Gatt bagħat *statement* f'Marzu 2020, u l-i*nvoices* u l-*bills of quantities* intbagħtu wara, dan wara li ntalbu mis-Segretarju Eżekuttiv. Wara li kkonsultat mal-membri tal-Kunsill preżenti, dawn id-dettalji kollha intbagħtu lill-Perit Scerri

sabiex jevalwa dak li hemm imniżżel bħala xogħol *extra*. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li f'Ġunju 2017 irċeviet ammont ta' €43,452.37 li Gatt niżżel li huma *credit notes*. Kienet ikkonsulat mas-Sindku ta' dakinhar, Dr Samuel Azzopardi u l-Perit Scerri li t-tnejn ma kienux jafu dawn x'inhuma.

Il-membru Buttigieg qal li la l-kontijiet tal-proġett huma kollha mħallsa u l-proġett magħluq, u kull kont kellu jintbagħt fi żmien sentejn u dawn intbagħtu ħames snin wara, il-Kunsill lanqas biss għandu jikkunsidrhom. Hu tenna li l-Kunsill għandu jkun kawt minħabba kunflitti ta' nteress li jista' jkun hemm.

Daħal il-Perit Edward Scerri sabiex hu u William Sultana jiċċaraw punti rigward dawn il-kontijiet li ntbagħtu minn Gatt Tarmac Ltd fir-rigward tal-proġett ERDF.

Is-Sindku beda billi qal lill-Perit li l-Kunsill preżenti ġie ffaċjati b'dawn il-kontijiet li ma kienx jaf bihom, ħames snin wara li għalaq il-porġett. Il-Perit qal li bħala proċedura huwa jkun jista' jiċċertifika l-*invoices* meta dawn jiġu ppreżentati formalment lill-Kunsill u l-Kunsill jitolbu ċ-ċertifikazzjoni. Normalment *invoices* jiġu ppreżentati sa sentejn minn meta jkun komplut ix-xogħol. Mill-lat tekniku l-ammont il-kbir ta' dawn il-kontijiet huma tas-servizzi tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u Dranaġġ (WSC). Il-kwistjoni kienet inqalgħet meta l-Kunsill kien iltaqa' ma rappreżentanti tal-korporazzjoni wara li kien ingħata l-kuntratt. Il-WSC kienu bdew jieħdu l-atitudni li xogħol tal-Kunsilli, meta jkun hemm *civil engineering works* involuti, jitolbu li jinbidlu l-*mains* u s-servizzi. Għalhekk, tenna l-Perit, il-Kunsill kien għarraf lill-WSC b'dan il-proġett minn qabel sabiex dawn ikollhom il-fondi għax-xogħol.

Eżempju, meta saret Triq Wied Seqer mill-Kunsill, kienu argumentaw li meta nfuramjnihom bix-xogħol, kien tard u ma kellhomx *budget* għaliha. Għalhekk meta ġie biex jagħmel il-proġett ERDF, il-Kunsill kien informa lis-*service providers* minn qabel sew u l-Perit kien avżhom li l-Kunsill m'għandux fondi għax-xogħol tal-korporazzjoni. Il-Kunsill kien għamel l-almu tiegħu biex isir ftehim mas-*service providers* imma ħadd minnhom ma ġie lura. Konna f'punt fejn il-Kunsill jew jara kif iġib il-fondi jew iwaqqa' l-proġett, jew il-proġett isir u jara kif ħa jħallas il-Kunsill. Hemm diversi *emails* dwar dan.

Fi proġetti bħal dawn il-proċedura hi li l-WSC toħroġ l-*Letter of Acceptance* (LA) lil min ħa l-offerta. F'dan il-kas, l-LA ħarġet lill-Gatt Tarmac Ltd. Meta l-kuntrattur applika għall-permess għat-*trenching* ma' Transport Malta (TM), kompla l-Perit, il-Kunsill kien għadu jiddjaloga mal-WSC fuq il-kwistjoni u l-WSC kienet għadha toġġezzjona li tiffinanzja x-xogħol u ħarġet oġġezzjoni għall-ħruġ tat-*trenching permit* tat-TM b'mod li waqqfet il-bidu tal-proġett. Ix-xogħol mitlub mill-WSC sar iżda jrid jiġi ċertifikat. Il-Kunsill ma ħariġx offerta fuq ix-xogħolijiet tal-WSC ħlief għas-servizzi tad-dranaġġ tad-djar. Dan għaliex it-talba mill-WSC biex isir il-bdil tal-*mains* tagħhom u tas-sistema tal-*main sewer* saret wara li kien diġa' ingħata l-kuntratt lil Gatt Tarmac Ltd. Il-Kunsill dejjem insista mal-WSC li dan ix-xogħol ried jiġi ffinanzjat mill-WSC anki għaliex ħafna mix-xogħol kien jinvolvi *mains* għaddejjin mis-sit biex jissupplixxu partijiet oħra tal-gżira.

Ir-relazzjoni dejjem tkun bejn il-WSC u l-kuntrattur. Jista' jkun li l-WSC għamlet xi forma ta' *agreement* u ħarġet stima fejn tindika x'lesta li tħallas u l-bqija jrid jitħallas mill-Kunsill.

Pero`, l-Perit qali li m'għandu l-ebda' nformazzjoni dawn dan. Il-*letter of acceptance* tax-xogħolijiet tal-WSC x'aktarx inħarġet mill-WSC stess għax hekk is-soltu jsir, pero' wieħed irid jara jekk kienx hemm xi *agreement* bejn il-WSC u l-Kunsill.

Il-Perit qal li dwar il-preskrizzjoni, il-Kunsill għandu joqgħod fuq il-parir legali tal-avukat tiegħu minħabba li hija kwistjoni legali.

Il-membru Debrincat staqsa jekk il-Kunsill għandux garanzija fuq ix-xogħol li sar speċjalment fuq ix-xogħol tat-tqegħid tal-kubetti. Il-Perit qal li fil-kuntratt hemm *maintenacne obligations* li jorbtu l-kuntrattur sabiex jirranġa l-ħsarat li jsiru sa ħames snin wara. Dan ifisser li l-Kunsill għadu biċ-ċans li jobbliga lil Gatt jirranġa l-ħsara estensiva li hemm fil-wiċċ tat-triq. Dan skond klawżola 71.23, tal-Kundizzjonijiet Speċjali tal-offerta ***"At the end of the works, prior to the release of the tender guarantee, the contractor shall present to the Contracting Authority a retention bank guarantee in the favour of the Contracting Authority amounting to 5% of the total value of the completed works. This retention guarantee shall be prepared to ensure that any maintenance works necessary to keep the project and the works carried out to a good level of maintenance up to a period of 5 years from the date of the final acceptance of the works. Should any particular works be necessary, in the opinion of the Contracting Authority's supervisor/technical consultant, to remedy defects which have formed after the completion of the works, the supervisor/technical consultant shall inform the Contracting Authority in writing giving him a specific period within which to carry out the works. If the remedial works are not completed within this specific period, the Contracting Authority will appoint a third party to carry out the works and deduct the expenses from the retention bank guarantee."***

Il-kunsillier Buttiġieġ staqsa lill-Perit meta iċċertifika, iċċertifkax jekk sarx ix-xogħol biss jew jekk sarx ix-xogħol tajjeb ukoll. Il-Perit tenna li għalkemm ix-xogħol jiġi ċertifikat irid isir programm ta' *maintenance* peress li l-wiċċ tat-triq hu porfido u minn Triq Sir Adrian Dingli u Pjazza Savina jgħaddi t-traffiku kontinwament. Il-Perit żied li meta kien qed jingħalaq il-proġett kien hemm dilemma jekk jistenniex sabiex jiċċertifika jekk ix-xoħol sarx tajjeb minħabba ħsarat li jistgħu joħorġu wara ċerta żmien, iżda kien hemm il-problema tad-*deadline* minħabba l-fondi tal-ERDF. Kieku l-Perit ma ċċertifikax ix-xogħol, dan kien ifisser li d-*deadline* tal-fondi kien jgħaddi u l-Kunsill kien jiġi *liable* li joħroġ il-ħlasijiet hu lill-Kuntrattur. Il-Perit tenna li l-Kunsill għandu raġun jilmenta minħabba l-ħsara li rriżultat fuq it-tqegħid tal-porfido u l-madum, pero`proġetti bħal dawn li jinvolvu tqegħid ta' pavimentar, dejjem iridu jiġu segwiti minn programm ta' *maintenance* regolari, speċjalment fejn it-toroq ikunu soġġetti għat-traffiku.

Il-Perit Scerri u William Sultana ġew irringrazjati tad-dettalji u ħarġu mill-kamra. Kompliet il-laqgħa.

---

Rigward kontijiet oħra pendenti, s-Segretarju Eżekuttiv qajmet il-punt rigward xogħol li Gatt Tarmac Ltd. kien għamel fir-rigward ta' kuntratti VLC/12/2016 li jkopri xogħol ta' tneħħija ta' *bollards* u *railing* u tħammil mad-dawra tal-*playing field* u VLC/11/2016 li jkopri konkos għas-sodda biex jitpoġġa l-*fence* ta' madwar il-*playing field*. Il-prezzijiet ta' dawn il-*quotations*, li għalihom hemm kuntratt iffirmat huma ta' €1,662.75 u €4,681.40 rispettivament. Gatt bagħat il-kontijiet datati 18 ta' Ġunju 2020 bl-ammonti ta' €2,279.52 (VLC/12/2016) u €7,255.70

(VLC/11/2016). Is-Segretarju Eżekuttiv kienet infurmat lill-membri tal-Kunsill minnufih u dawn il-kontijiet qedgħin għand il-Perit Scerri sabiex jċċertifikom.

**13.9 Proposta ta' taraġ fi Sqaq Numru 1 fi Triq Mons. Ġużeppi Farrugia**

Tressqu diversi ittri ta' residenti fl-isqaq numru 1 ta' Triq Mons. Ġużeppi Farrugia. Dawn qed jilmentaw fuq applikazzjoni li saret mal-Awtorita' tal-Ippjanar (PA) bin-numru PA/09881/19. Irriżulta li fit-30 ta' Ġujun 2020, l-applikant ressaq pjanti ġodda. Il-membri qablu li permezz tal-Perit Edward Scerri, il-Kunsill għandu jagħmel bil-miktub lill-PA li għandu r-riservi tiegħu fir-rigward tal-pjanti li ġew sottomessi fit-30 ta' Ġunju 2020.

**13.10 Xogħlijiet oħra**

13.10.1 Il-membri ġew mgħarrfa li l-offerta għal-ġbir tal-iskart goff għalqet u sar qbil li l-bord ta'evalwazzjoni jkun iffurmat minn l-Enġinier Mario Cauchi, l-*Accountant* Daniel Galea, William Sultana, Fabian Galea u Miriam Attard bħala segretarja tal-bord.

Il-membri qalbu li:-

13.10.2 jintalab lill-Eko Għawdex sabiex jinħaslu bid-diżzinfettant l-*area* ta' San Ġorġ tal-Ħaġar u l-H.E. taċ-Ċawla;

13.10.3 ssir pressjoni mas-Supretendent tal-Pulizija fir-rigward tal-vetturi pparkjati llegalment fi Pjazza Savina faċċata tal-knisja ta' Savina waqt il-ħinijiet tal-monti u luzzu dekorattiv li tpoġġa minn ħanut fl-akwati tal-latrina tal-irġiel fi Pjazza Indipendenza;

13.10.4 f'għeluq il-250 sena mill-mewt tal-Kan. Francesco Agius De Doldanis, ssir lapida b'medaljun tal-bronż fuqha u titpoġġa fl-inħawi tal-Knisja Katidrali. M' għandiex tinqabeż is-somma ta' €450;

13.10.5 titranġa l-kamra ta' ġew tal-uffiċċju tal-*customer care*;

13.10.6 tiġi organiżżata *clean-up* fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus*. Il-membri qablu li jiġu mistiedna l-*Victoria Scout Group*, sabiex jippartecipaw;

**13.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fit-20:00 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa, 21 t'Awwissu, 2020, fil-17.00.

| | |
|---|---|
| Josef Schembri | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |